MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2009

Numru 1328/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**
**vs**

**ANDREW FORMOSA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Andrew Formosa ta' 22 sena mwieled gewwa l-Pieta nhar id-19/07/1984, bin missier Joseph u Helen nee' Zammit residenti gewwa Id-dar Triq Moroni Gzira, detentur ta karta tal-identita nru 356484M.

Billi gie akkuzat talli nhar il-20 ta' Dicembru 2006 ghall-habta ta' 2.30pm gewwa Triq il-Lice oil- Hamrun ittanta li

jikkometti serq ta' oggetti u apparta ta' hi-fi min gewwa Vettura tal-Kia b'numru ta' registrazzjoni LCA705 a detriment ta' Sarah Jane Caruana minn Hal-Tarxien liema serq ma sehhx minhabba xi haga acidentali u indipendenti mill-Volonta tieghu u dan ai terminu tal-artikolu 41(a), liema attentat ta serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai terminu tal-artikolu 261, 263 u 271(g), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u circostanzi hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' parti minn Vettura KIA bin-numru tar-registrazzjoni LCA705 ghad-dannu ta' Sarah Jane Caruana u dan ai terminu tal-artikolu 325 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment titratta ma l-imputat bhala li irrenda ruhu ricediv b'sentenza tal-Qorti Tal- Magistrati ta' Malta liema sentenza saret definitive moghtija mill-Magistrat Dottor Giovani Grixti LL.d nhar il-11 ta' Novembru 2006 u dan ai terminu tal-artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli l-imputat il-kundizzjonijiet tal-Onorabbli Qorti fuqu nhar is-26 ta' Settembru 2005 mill-Magistrat Dottor L. Quintano LL.d

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MT3 u nnutat li l-imputat Andrew Formosa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Inoltre innutat li fl-ezami tieghu l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien

sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 41(1)(a), 261(b),(c) u (g), 263, 267, 271(g), 278(3), 279, 280(2) u 325(b) tal-Kap. 9 u l-artikoli 22 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Andrew Formosa, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u l-fedina penali tal-imputat, tikkundanna lill-imputat Andrew Formosa ghall-piena komplessiva ta' hmistax (15) il-xahar prigunerija u hames mija u tnejn u tmenin Euro u erba' u tletin centezmi ta' Euro (Euro 582.34) multa.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti f'din il-kawza bhala Dok MT10.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------